MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2008

Numru 188/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**Julian Genovese**

Il-Qorti ,

Rat li l-imputat, Julian Genovese ta’ 48 sena iben Emanuel u Carmen nee’ Mallia imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Frar 1960 residenti 106, Micfam no 4. Triq Sant Antnin,

San Gwann u detentur tal-karta tal-identita’ numru 136860 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ dawn il-Gzejjer nhar it-3 ta’ Marzu 2008, ghall-habta 02 :15 p.m, gewwa l-fond bl-isem ta’ ‘Nova Tours’ illi jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan;

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri l-mija u sittax-il ewro u erbgha u sebghin ewro centezmi (€116.47) ghad-dannu ta’ Adrian Vella de Lucca u Maria Cauchi ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna biza lil Adrian Vella de Lucca u Maria Cauchi, u li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta’ taghhom ;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta zamm jew issekwestra lil Maria Cauchi ;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Marija Cauchi skond kif iccertifika Dr. Bjorn M. Buhagiar mill-Poliklinika tal-Gzira ;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fuqu arma (mus) minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ;

6. Nhar it-3 ta’ Marzu 2008, ghall-habta ta’ 04.45pm gewwa l-Ghassa ta’ San Giljan hedded bil-fomm lill-istess Maria Cauchi b’ delitt, fejn flimkien dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni ;

7. Nhar it-3 ta’ Marzu 2008, ghall-habta ta’ 04 :45pm gewwa l-Ghassa ta’ San Giljan hebb ghal Maria Cauchi ;

8. Nhar it-3 ta' Marzu, ghall-habta ta' 04:45pm gewwa l-Ghassa ta' San Giljan qal kliem oxxen li jikkonsisti f' dagha.

9. Nhar it-3 ta' Marzu, f' diversi bnadi gewwa San Giljan volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b' ghajjat u glied;

10. Rrenda ruhu recediv b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru defenittici u ma jistghux jigu mibdula.

11. Minghajr skuza ragjonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b' ordni tal-Qorti datata 29 ta' Novembru 2007.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Marzu 2008 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fit-3 ta Marzu 2008 bejn l-imputat u Maria Cauchi fil-hanut bl-isem ta'  Nova Tours li jinsab San Giljan u incident iehor bejn l-istess tnejn min-nies li sehh ftit tal-hin wara fl-Ghassa ta' San Giljan fejn l-imputat allegatament rega' hebb ghal Maria Cauchi u heddidha. L-imsemmija Maria Cauchi li xehdet quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2008 spjegat li fl-imsemmija data l-imputat li huwa r-ragel ta' ohtha beda tiela' u niezel bil-vettura tieghu, quddiem il-

post tax-xoghol taghha, u cioe' Novatours, Triq San Gorg, San Giljan u beda jghidilha li kien ser jigi jkisser il-karozzi kollha propjeta' tan-Novatours u l-hanut, huwa beda jitkellem hazin u jghidilha li ma kienx jimpurtah mill-habs. Hija tkompli tghid li ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar l-imputat kien tela' *wrong way* fit-triq quddiem il-hanut, nizel mill-vettura tieghu, dahal fil-hanut fejn hija kienet wara d-*desk*, beda' jghajjat, jaghmel sinjali li ser jaqtalha rasha, beda jkisser il-boards tal-injam tar-reklamar fuq rasha u waddab *crash helmet* fid-direzzjoni taghha u waqq'a mutur li kien hemm fil-hanut ghal fuqha. Maria Cauchi tkompli tghid li l-imputat hareg il-barra mill-hanut, rikeb il-vettura tieghu, rega' ghadda minn quddiem il-hanut u meta ra xi nies migbura madwar Maria Cauchi rega' nizel, beda jaghtiha bis-sieq fuq sidirha, waqqa xi racks fuqha, hareg mus u beda jxejru fid-direzzjoni taghha u beda jghidilha li kien ser jaghmlilha bomba fil-vettura taghha. Huwa mbaghad qam u telaq minn fuq il-post. Maria Cauchi kompliet tispjega li hija ghamlet rapport lil Pulizjia u waqt li kienet l-Ghassa ta' San Giljan semghat lill-imputat jghid lil Pulizija li ma kienx jibza' mill-Habs u li kien ser joqtolha u mbaghad imur jaqbez u huwa rega' attakkaha billi taha daqqa ta' sieq izda mbaghad zammewh il-Pulizija.

L-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 23) u ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva esebita a fol. 65 sa 68 tal-process) fejn huwa ammetta li kien mar il-hanut tan-Novatours u li kien waqqa xi *racks* izda qal ukoll li kien mar hemm sabiex jiggieled mal-*employer* ta' Maria Cauchi ghaliex dan kellu jaghtih xi flus u mhux sabiex ihebb ghall-istess Maria Cauchi.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita' tax-xhud Maria Cauchi anki ghaliex il-verzjoni tal-fatti minnha moghtija in kwantu jirrigwarda l-incident li sehh gewwa l-Ghassa ta' San Giljan hija pjenament korroborata minn PS 891 Oscar Baldacchino (xhieda relattiva inserita a fol. 24 u 25 tal-process) fejn dan ikkonferma li meta Maria Cauchi dahlet l-Ghassa Julian Genovese beda' jaghtiha bis-sieq u laqatha f'sidirha, kif ukoll mill-Maggur 1373 John Micallef li xehed fis-sedutaa tas-17 ta' April 2008 fejn

dan ikkonferma li l-imputat qallu li qabel ma kien ser joqtol lil Maria Cauchi ma kienx ser jistrieh. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li kien ghamel tfitxxija fuq il-persuna tal-imputat u sablu mus fil-pussess tieghu.

Il-Qorti jidrilha li l-akkuzi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfronti tal-imputat jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni salv ghat-tielet akkuza fejn l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tal-arrest illegali kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan peress li ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti tali reat.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li mis-sentenza eseibta a fol. 38 et sequitur tal-process jirrizulta li din m’hijiex l-ewwel darba li l-imputat qed jinstab hati ta’ reati simili bhal dawk li taghhom qed jinstab hati fil-kawza odjerna u dan addirittura fil-konfronti tal-istess persuna, u cioe’ Maria Cauchi, u ghalhekk il-Qorti jidrilha li m’ghandhiex triq ohra salv li timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti izda hadet in konsiderazzjoni dak verbalizzat mid-Difiza fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2007 fejn gie dikjarat li l-imputat ghandu problema mill-abbuz tal-alchohol u ghalhekk qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb din il-problema.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 325(1)(b), 251B, 221, 249(1), 339(1)(d), 338(bb), 339(dd), 49, 50 u 412C(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 6 u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba’, il-hames, is-sitt, is-seba’, it-tmien, id-disa’, l-ghaxar u l-hdax-il akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) -il xahar prigunerija b’effett millum, b’dan illi minn dan il-perijodu ta’ prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tilliberah mill-istess akkuza.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-mus esebit fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2008 u li huwa mmarkat bhala Dok. TM3.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u tirrakkomanda lil dan tal-ahhar sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex huwa jeghleb il-problema tal-abbuz mill-alchohol.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------